II

(Atti mhux leġislattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-3 ta' Ġunju 2010

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gżejjer Solomon

(2010/397/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 43(2), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Unjoni nnegozjat mal-Gżejjer Solomon Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd li jipprovdi lil bastimenti tal-Unjoni opportunitajiet ta' sajd fl-ilmijiet taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tal-Gżejjer Solomon f'dak li għandu x'jaqsam mas-sajd.

(2) B'riżultat ta' dawk in-negozjati ġie inizjalat Ftehim ta' Sħubija ġdid dwar is-Sajd fis-26 ta' Settembru 2009.

(3) Il-Ftehim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea u l-Gżejjer Solomon dwar is-sajd 'il barra mill-Gżejjer Solomon [1] għandu jiġi revokat u sostitwit bil-Ftehim ta' Sħubija l-ġdid dwar is-Sajd.

(4) Il-Ftehim ġdid ta' Sħubija dwar is-Sajd għandu jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni.

(5) Sabiex jiġu ggarantiti l-attivitajiet tas-sajd min-naħa tal-bastimenti tal-Unjoni, huwa essenzjali li l-Ftehim ta' Sħubija l-ġdid dwar is-Sajd jiġi applikat mill-aktar fis possibbli. Għaldaqstant, iż-żewġ partijiet inizjalaw Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-sajd mid-9 ta' Ottubru 2009, sakemm jidħol fis-seħħ.

(6) Huwa fl-interess tal-Unjoni li l-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd jiġi approvat,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gżejjer Solomon huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jaħtar lill-persuni mogħtija s-setgħa biex, f'isem l-Unjoni, jiffirmaw il-Ftehim, soġġett għall-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 3

Il-Ftehim fl-għamla ta' Skambju ta' Ittri dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gżejjer Solomon huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

It-test ta' tali Ftehim fl-għamla ta' Skambju ta' Ittri huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jaħtar lill-persuni mogħtija s-setgħa jiffirmaw il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd sabiex l-Unjoni tintrabat.

[1] ĠU L 105, 13.4.2006, p. 34.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-3 ta' Ġunju 2010.

Għall-Kunsill
Il-President
E. ESPINOSA